# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1664

KAZ NRU. 2213AC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Carmelo Caruana
u
Chef Choice Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Illum it-Tnejn 30 ta' Jannar 2006

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permess ta' Rikors fir-Registru tal-Qorti Superjuri f'isem Carmel Caruana mill-Avv. Pawlu Lia LL.D. fejn qieghed jghid illi t-tkeccija mill-impieg ma kienitx gustifikata u kienet "mahduma". "Konsegwentement din kienet tkeccija ingusta."

Is-Sur Carmel Caruana li kien assistit mill-Avv. Pawlu Lia LL.D. u Avv. Phyllis Farrugia LL.D. aktar 'l quddiem jissejjah l-appellant. Ghas-socjeta appellata, aktar 'l quddiem tissejjah is-socjeta deher is-Sur Joseph Mizzi, Direttur, assistit mill-Avv. Kris Borg LL.D.

It-Tribunal zamm tmien seduti.

**Dikjarazzjoni tal-Kaz**

L-appellant kien impjegat mas-socjeta appellata bhala *Loading Bay Supervisor*. Kien ilu impjegat mill-21 ta' April 1997 u fid-9 ta' Lulju 2004 l-impieg tieghu gie tterminat minghajr gustifikazzjoni legalment valida.

Illi l-gimgha 9 ta' Lulju 2004 l-appellant dahal ghax-xoghol bhas-soltu fis-6.30 a.m. u beda jaghmel ix-xoghol normali tieghu. Fis-7.30 a.m. is-*sales manager* Vince St. James Boyde mar fuqu u qallu sabiex minnflok ix-xoghol normali tieghu imur iqassam ix-xoghol bil-vann. Dan ix-xoghol ma kienx parti mix-xoghol normali tieghu u kien jinvolvi skarigg u tqandil li l-appellant ma kienx jiflah ghalih minhabba ragunijiet ta' sahha. Ghalhekk dak il-hin stess informa lil Vince St. James Boyde li ma kienx jiflah jaghmel dak ix-xoghol. Fil-pront is-*sales manager* qallu li allura seta' jbiddel u jmur lejn id-dar. L-appellant talbu biex ikelmu lid-Direttur is-Sur Joe Mzzi flimkien. Meta kelmu lid-Direttur dan mill-ewwel qallu sabiex jaqbad u jmur lejn id-dar. L-appellant ma seta' jaghmel xejn aktar u hekk ghamel.

Illi it-tnejn 12 ta' Lulju 2004 peress li hadd ma kien cempel minn fuq ix-xoghol mar il-fabrika biex jara hu meta seta' jidhol lura ghax-xoghol. Izda meta dahal quddiem is-Sur Joe Mizzi dan mill-ewwel qallu li kien spicca minn mal-kumpanija u baghatu ghand l-Accountant biex jahdimlu x'kellu jiehu sa dakinhar. Ghamillu t-*termination form* ta' l-*ETC* u qallu biex il-gimgha 16 ta' Lulju imur biex jiehu dak li kien fadallu jiehu.

Illi fis-16 ta' Lulju 2004 inghata dikjarazzjoni mill-kumpanija fejn qalulu li kienu tterminawlu minhabba tlett *warnings* bil-miktub u ohra verbali. Qalu wkoll fid-dikjarazzjoni li r-raguni ghat-terminazzjoni kienet talli kien irrifjuta li jaghmel xoghol temporanju li kien mehtieg minhabba cirkostanzi straordinarji. Il-*warnings* li semmew f'din id-dikjarazzjoni pero ma kienux gustifikati u intuzaw biss bi skuza biex jiggustifikaw l-azzjoni li hadu. Barra minn hekk mhux veru li f'xi hin kienu

qalulu li rieduh jaghmel dak ix-xoghol b'mod temporanju. F'kull kaz, anke kieku qalulu li kien biss xoghol temporanju, xorta wahda ma kien jibdel xejn ghaliex verament l-appellant ma kienx f'qaghda ta' sahha li seta' jaghmel dak ix-xoghol. Is-socjeta tghid illi t-tkeccija kienet il-kulminu ta' diversi twissijiet li inghataw lir-rikorrenti li kien qed jittraskura d-dmirijiet u l-obbligi tieghu fuq il-post tax-xoghol, ikkommetta *insubordination* u kien ukoll ta' influwenza hazina ghal haddiema l-ohra fuq il-post tax-xoghol.

L-appellant gie impjegat mas-socjeta intimata, Chef Choice Ltd., bhala *Deliveryman* fil-21 ta' April 1997. Fis-sena 2001 wara li kien sar xi ristrutturar fid-Departiment tal-Logistika tas-socjeta ntimata, l-appellant li kien *deliveryman,* inghata zieda fil-paga biex jirrifletti zieda fir-responsabilitajiet u x-xoghol tieghu.. Fil-fatt gie miftiehem ma' l-appellant li z-zieda fir-responsabilitajiet ghat-*team* tad-*deliverymen* u allura jassigura li d-distribuzzjoni, dik li hierga jew diehla gewwa l-istabilliment Chef Choice Ltd.taqbel ma' l-ordnijiet rispettivi u li ssir fil-hin. Kien ukoll car ma' l-appellant li dan ix-xoghol ma kienx wiehed ta' amministrazzjoni biss izda kien jinvolvi wkoll assistenza fil-process tal-hatt, toghbija jew tqassim tal-merkanzija fil-kaz li jkun hemm bzonn. Dan il-ftehim fil-fatt huwa rifless fil-politika tal-kumpanija li nies fi grad superviziv ikunu impjegati normali bid-differenza li jkollhom responsabiltajiet addizzjonali allura b'hekk aktar imhallsin minn shabhom. Per ezempju, il-Butcher Supervisor (responsabbli ghal seba' (7) haddiema), id-Deli Counter Supervisor (responsabbli ghal sitt (6) haddiema) u ohrajn bhalhom kollha huma haddiema fi grad superviziv izda jaghmlu wkoll l-istess xoghol ta' dawk il-haddiema li jaqghu taht ir-responsabilitajiet taghhom. Dawn il-kundizzjonijiet tax-xoghol kienu japplikaw ukoll ghall-pozizzjoni li r-rikorrent Caruana kien jokkupa, tant u hekk li ricenti, meta kien hemm bzonn huwa ta l-assistenza tieghu kemm fil-hatt u taghbija tat-trakkijiet kif ukoll ghamel xoghol ta' distribuzzjoni.

Illi hekk kif il-kumpanija matul dawn l-ahhar sena u nofs bdiet bi program ta' ristrutturar professjonali bil-ghan li tadotta *standards* ta' l-ghola kwalita fuq livell

internazzjonali, il-fatti juru li s-Sur Caruana beda jhossu difficli jahdem f'ambjent fejn 'l-*accountability'* saret principju haj. Ghalkemm is-Sur Caruana inghata kemm il-darba l-opportunita li jirriforma ruhu fuq livell professjonali dan baqa ma fehemx l-importanza u r-responsabilita tax-xoghol tieghu. Wara hafna twissijiet matul is-sena 2003 is-Sur Caruana inghata zewg *warnings* bil-miktub. Il-haddiema kollha tal-kumpanja jafu li l-iskop tal-*warning* huwa li juri li hemm bzonn ta' bidla ghal ahjar fix-xoghol taghhom li jekk dan ma jsirx wara tlett *warnings* jigu mkeccija. Is-Sur Caruana dan kien jafu izda ma tax kaz ghal numru ta' twissijiet li sarulu barra il-*warnings* uffilcjali.

Illi aktar ma kien qed jghaddi z-zmien is-Sur Caruana aktar beda jaghmel zbalji serji u l-attitudni tieghu kienet wahda ta' vittma u supperv. Dan jirrizulta minn ilmenti li saru minn ghand klijenti ewlenin, mill-*management*, kif ukoll minn haddiema partikolari li iddahlu fil-kumpanija biex isahhu id-Departiment tal-Logistika.

Illi nhar il-Gimgha 9 ta' Lulju bla ebda avviz wiehed *mid-deliverymen* ma dahalx ghax-xoghol. Din is-sitwazzjoni holqot problema gravi ghaliex it-trakk ta' dan id-*deliveryman* kien diga mimli bil-merkanzija u *d-deliverymen* l-ohra kienu diga impenjati b'mod shih. Dan ix-xoghol kien imwieghed lill-klijenti. Kien mehtieg li tigi applikata l-procedura tas-soltu li s-Sur Caruana jintalab jaghmel it-tqassim tal-merkanzija billi dan kien jaqa fid-doveri tieghu kif ukoll kien jaf il-klijenti u fejn jinsabu. Is-Sur Caruana kien jaf illi dan ix-xoghol li ntalab jaghmel kellu jsir b'mod temporanju ghal dakinhar biss. L-iskuza tas-sahha ma treggix lanqas ghaliex apparti li l-procedura tal-kumpanija hija li jekk xi hadd ma jkunx jiflah jahdem wara talba tieghu jintbatlu tabib b'xejn u jekk ikun hemm raguni valida dan jigi *re-deployed* fil-kumpanija stess wara ftehim ma' l-applikant kif gieli sar. Ghalkemm is-Sur Caruana jaf sewwa b'din il-procedura dan qatt ma talab b'mod ufficjali. Anzi skond ir-*records* tat-tabib tal-kumpanija, irrespettivament mill-eta, s-Sur Caruana kien b'sahtu bizzejjed biex jaghmel kwalsijasi xoghol fid-Departiment tal-Logistika. Dan l-atteggament wera bic-car in-nuqqas ta'

responsabilita u professjonalita tas-Sur Caruana fil-qadi ta' dmirijietu u nuqqas gravi ta' rispett lejn it-tmexxija tal-Kumpanija. F'din is-sitwazzjoni s-Sur Mizzi ma baqalu xejn x'jaghmel hlief li jiddixxiplina l-haddiem bi tkeccijja fid-dawl tan-numru ta' twissijiet li diga kienu sarulu matul l-ahhar sentejn u ta' l-atteggament dak il-hin.

Illi it-tnejn 12 ta' Lulju 2004 ghal habta ta' l-ghaxra ta' filghodu, is-Sur Caruana fittex li jitkellem mas-Sur Mizzi. Is-Sur Mizzi laqghu u s-Sur Caruana talbu biex jahfirlu u jerga jdahhlu ix-xoghol. Meta s-Sur Mizzi spjega l-gravita tas-sitwazzjoni, is-Sur Caruana baqa jinsisti biex jintesa kollox u b'hekk jerga jibda jahdem mal-kumpanija. Dan kien michud mis-Sur Mizzi u talbu biex jigbor dak li kien tieghu u jsegwi il-prassi ta' meta wiehed jigi mwaqqaf minn fuq xoghol, mal-persuna inkarigata f'dan ir-rigward il-*Finance and Administration Manager*.

Illi s-Sur Caruana beda jitlob lis-Sur Mario Tabone, *Finance and Administration Manager*, biex jibdel il-verzjoni tat-tkeccija minn fuq it-*Termination Form* biex b'hekk ikun intitolat biex jirregistra ma' l-ETC u jiehu l-kumpens socjali. Billi dan kien kontra l-ligi, is-Sur Tabone widbu u cahadlu t-talba.

**Xhieda fil-qosor**

Xhud is-Sur Andrew Agius Muscat, *General Manager,* qal li l-appellant beda jahdem fil-21 ta' April !997 bhala *deliveryman,* sar *supervisor* wara tlettax il--gimgha tas-sena 2001. Kellu *commission* ta' 1% tal-valur tad-*deliveries* li kien jghamel bit-trakk tieghu u meta lehaq *supervisor* il-percentagg imbidel ghal 0.3% fuq il-valur tad-*deliveries* kollha tat-trakkijiet u anke tad-*direct sales*. Is-socjeta ghandha politika illi s-*supervisors* kollha mbarra x-xoghol ta' supervizjoni iridu wkoll jghinu lill-shabhom ta' tahthom kull darba li jkun hemm bzonn. Is-socjeta tahdem f'ambjent dinamiku u kompettitiv. L-appellant kien ta' sikwit jaghmel zball wiehed wara l-iehor u nghata *warnings* sew din is-sena u anke s-sena l-ohra. Kien jinjora l–ordnijiet li kien jinghata biex il-klijenti jkunu infurmati sewwa

anke jekk id-*delivery* tkun se tittardja. Kien hemm xoghol ta' cekjar ta' temperaturi sew meta diehel jew hiereg il-prodott ghax dan kien xoghol ta' natura importanti hafna u f'kaz ta' xoghol li ma jkunx skond it-temperatura mehtiega kellu jkun rigettat.

Ghal raguni li jafa hu kien jikteb temperatura li tkun 10, tmur ticcekkja warajh u ssiba li tkun 20. L-appellant kien jimla l-formola li hi ta' prodott iehor. Kien jigi ammonit ta' spiss, inghata *warrings* verbali u anke *warnings* bil-miktub, kollox kien ghal xejn. *Warning* jinghata biex dak lli jkun jirranga u ma jkomplix jaghmel l-istess zbalji repetutament.

Kellu kaz dwar is-silg li hu parti mportanti fil-process tax-xoghol tas-socjeta. Kien ftiehem ma' tas-silg x'hin ghandu jigi s-socjeta. Minflok qabad, ghalaq u telaq. Meta gie tas-silg ma sabux hemm. Meta kellu jispjega dwar dak li ghamel qal, *"iva ghamilt mill-ahjar li nista' imma dakinhar insejt".*

Ix-xhud qal illi meta l-appellant telgha ghal-grad ta' *supervisor* is-socjeta baqghat tghatieh il-*commission* li kienet marbuta mat-trakkijiet kollha bl-*understanding* li dan kien marbut max-xoghol tieghu. Din hija s-sistema tas-socjeta illi kull *supervisor* jaghmel kemm dak ix-xoghol tas-subordinati tieghu kif ukoll fejn jidhol supervizjoni.

L-appellant qatt ma qal jew irraporta li kien ibghati minn xi wgieh jew xi haga ohra la lill-*management* u lanqas lit-tabib tal-kumpanija li hu provdut b'xejn ghal kullhadd. Qatt ma qal l-appellant li billi muguh nirtira l-*commissioin* u ma nohodiex izjied.

Wara xi granet li kien tkecca kien gie s-socjeta biex ikellem lis-Sur Mizzi u huwa w hiereg iltaqa' mieghu beda jakkuzah li issa hu kuntent u li issa rnexxielu jaghmel dak li kellu f'mohhu, beda jipponta subajh u jersaq lejh u qallu, *"ara ma tahsibx li jien ma niflahx ghalik, kellimni barra"*

Xhud is-Sur Vincent St. James Boyde, *Sales Manager,* qal illi l-gurnata tal-kaz kienet il-gimgha, gurnata li jkunu *busy* hafna ghax ikollhom territorji li huma daqxejn kbar. Qal illi dakinhar id-*deliveryman* inkarigat iddecieda li ma jidholx ghax-xoghol. Cempel lill-mara tieghu u qaltlu li r-ragel, (Sandro Chircop) li huwa l-isem tad-*deliveryman* kien telaq mid-dar fil-hamsa ta' fil-ghodu. Wara tkellem mas-*supervisor* tal-*logistics* u marru jkelmu lill-appellant u qalulu li xtaquh johrog bit-trakk peress li hu kien *deliveryman* qabel u jaf it-toroq. L-appellant qallhom, *jien mhux ser naghmel dan ix-xoghol, u jien ghandi 55 sena u dak ix-xoghol hu ta' tqandil ghalija"*

Xhud is-Sur Mario Tabone, *Financial Controller,* ilu minn 1996, qal illi dakinhar tal-kaz ta' l-appellant dahal ghax-xoghol fil-11.00 a.m. u qalulu li l-appellant kien spicca, itterminawlu l-impieg. Immedjatament beda bil-process biex jipprepara d-dokumenti tat-terminazzjoni. L-appellant kien mar fl-ufficcju tieghu meta kien qed jikteb il-karti tat-terminazzjoni u nizzel il-kelma *"dismissed"* dak il-hin l-appellant talbu jara jekk hemm xi kelma ohra li seta' jnizzel minflok "*dismissed"*

Mistoqsi mit-Tribunal kemm kellu paga gross l-appellant dakinhar li tkecca, ix-xhud qal illi l-paga tieghu kienet Lm85.50 fil-gimgha.

Xhud is-Sur Joseph Mizzi, *Managing Director,* qal illi dakinhar tal-kaz l-appellant tela hdejh u qallu, *"jien miniex sejjer"* u huwa qallu, *"hemm bzonn li int tmur ghax inti taf ir-rotta u din hija l-policy tal-kumpanija bhal kull supervisor iehor"* Talab lill-appellant u qallu biex jahsiba imma ma riedx imur. Qal li ma kellux alternattiva ohra hlief li jghidlu biex jieqaf minn dak il-hin mix-xoghol.

L-ghada mar ghax-xoghol u qal lix-xhud biex jara x'se jigri, qallu illi b'dak li gara il-bierah ma kellux alternattiva. Qal l-appellant diga kellu zewg *written warnings* is-sena ta' qabel u diversi *verbal warnings* dik is-sena. Qal ukoll illi l-appellant hafna drabi qabel meta kien hemm cirkustanzi bhal dawn dejjem qabad il-vann u ghamel id-*delivery*. L-appellant kien lehaq *supervisor* meta kien spicca wiehed li

kien qablu, madwar sitt snin ilu. L-appellant kien gie ikkunsidrat li kien l-aktar wiehed antik u ddecieda li kellu jkun hu li jiehu l-post. Il-kariga gdida gie li ziedulu mad-*duties* li kellu.

Xhud l-appellant qal illi l-*commission* ta' 0.3% kien hadha madwar sena illi kien beda bhala *supervisor.* Meta kien lehaq *sales representative*, il-*commission* kienet ta' 1% wara sar *deliveryman* kien tilef Lm1,200 fis-sena. Qal illi qatt ma ghamel certifikat li kien ibghati b'daru ghax kien applika meta kien hemm *vacancy* ta' *sales loading supervisor* u kien gie accettat. F'dik il-pozizzjoni ta' xoghol li kellu ma kellux ghalfejn iressaq ilmenti ghax dak ix-xoghol ma kienex jikkonsisti fi tqandil ta' affarijiet.

Dakinhar tal-kaz meta qalulu biex imur bit-trakk u jaghmel id-*delivery* hassu li ma kienx ghadu jiflah jaghmel dak ix-xoghol ta' tqandil ghax kien qed ibghati b'daru u ma kienx jiflah jaghmel dak ix-xoghol. Kin ilu madwar erba snin ma johrog bix-xoghol.

Mistoqsi kemm kellu paga dakinhar li tkecca mill-impieg qal illi l-paga *gross* kienet ta' Lm111 fil-gimgha.

Id-difensur ta' l-appellant fil-hames seduta ipprezenta affidavit ta' l-appellant datat 8 ta' Marzu 2005 u affidavit iehor ta ' Alexander Chircop ta' l-istess data. Minhabba li Alexander Chircop kien emegra is-socjeta ma setghatx taghmel kontro-ezami lix-xhud u talbet sabiex dan l-affidavit jigi sfilzat. Ghalkemm is-socjeta ma regghatx qajmet dan il-kaz matul il-kaz, it-Tribunal jghid illi l-affidavit ta' Alexander Chircop ma giex kkunsidrat.

**Noti ta' osservazzjonijiet**

Is-socjeta tghid illi l-incident li wassal ghat-tkeccija ta' l-appellant ma jridx jigi izolat, irid jitpogga fl-isfond ta' l-istorja mqanqla li l-appellant kellu ma' l-*employer* tieghu.

Illi qabel ma tkecca kien gia inghata sitt *dlsciplinary warnings* li huma; 10 ta' April 2003, 28 ta' April 2003 (li wara gie konvertit f'*verbal warning*) 14 ta' Lulju 2003, 7 ta' Jannar 2004, 20 ta' Frar 2004 u 27 ta' April 2004. Dawn il-*warnings* juru illi ma kienx responsabbli li jizvolgi l-attivita li ghaliha gie impjegat.
Illi meta l-appellant inghata *promotion* minn *deliveryman* ghal *loading supervisor* huwa tqieghed fuq livell ta' responsabilita iktar gholja milli kellu qabel. L-appellant ma giex esonerat milli jaghmel ix-xoghol ta' *deliveryman*.

Illi l-appellant irrifjuta li jaqdi d-doveri tieghu. Dan huwa kaz car ta' insabordinazzjoni u irrisponsabilita fuq il-post tax-xoghol li abbinat mat-*track record* li kellu l-appellant zgur li hu sufficjenti sabiex iwassal ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu.

Illi l-appellant qal li ma kienx jiflah jaghmel dan ix-xoghol ghal din ir-raguni ma gab l-ebda certifikat li juri b'xi mod li kellu problemi ta' sahha li jimpedewh milli jaghmel ix-xoghol li kien rikjest. Kellu kull opportunita jgib bnediem mediku jghati x-xhieda tieghu, izda tali prova hija nezistenti u ghalhekk ghandha tigi skartata.

L-appellant jghid illi x-xoghol dejjem ghamlu sew u ghas-sodisfazzjon ta' l-employer, tant illi fis-sena 2001 f' zewg okkazzjonijiet separati, is-socjeta intimata minn jeddha ghazlitu ghal xoghol b'reponsabilitajiet akbar.

Ghall-appellant it-tibdil fix-xoghol fisser tnaqqis ta' aktar minn Lm1,200 fis-sena. Dan il-pass hadu fiz-zewg okkazzjonijiet biex jevita t-tqandil minhabba problemi f'darhu.

Illi jirrizulta car li ghall-appellant beda jberraq kif Andrew Agius Muscat inhatar *General Manager* tal-kumpanija. Il-hsieb tieghu kien mill-bidu nett li jdahhal struttura gdida, b'saffi u skemi godda. Jidher li f'din l-istruttura gdida ma kienx baqa' post ghal haddiem b'servizz twil u lealta' shieha lejn il-kumpanija bhal ma kien l-appellant. Gew ukoll citati diversi decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali bhala referenza ghal kaz in-kwestjoni,

**Kunsiderazzjonijiet**

L-appellant beda fl-impieg mas-socjeta ntimata fil-21 ta' April 1997 u tkecca fid-9 ta' Lulju 2004. Matul is-seba snin li ghamel jahdem mas-socjeta hadem fi tliet pozizzjonijiet differenti, beda bhala *deliveryman,* fis-sena 2001 gie mghazul biex jokkupa l-kariga ta' *sales representative* u hames xhur wara gie mahtur *loading bay supervisor.*

Fis-socjeta kien wiehed mill aktar antiki. It-tkeccija saret b'rizultat ta' rifjut illi ma johrogx bit-trakk jaghmel id-*delivery*. L-appellant ma accettax li johrog bit-trakk ghax qal li kien ibghati b'ugieh f'daru u li kellu hamsa u hamsin sena ma jiflahx iqandel u kien ilu madwar erba snin ma johrog bit-trakk. Dan ir-rifjut kien il-qofol tal-kaz li permezz tieghu gie imkecci.

Is-socjeta ntimata qalet illi meta lehaq fil-grad ta' *supervisor* kien xorta wahda baqa elegibbli li jaghmel ix-xoghol tad-*delivery* meta jkun hemm in-necessita. Is-socjeta tghid illi kull *supervisor* hu f'liema post hu irid jaghmel ix-xoghol barra dak ta' *supervisor,* dak ix-xoghol li jaghmlu l-haddiema ta' tahtu. Is-socjeta issostni li tant jafu dan il-ftehim l-appellant illi matul iz-zmien kien hemm kazi fejn hareg u ghamel id-*delivery*.

Dakinhar tal-kaz kien gie mitlub biex johrog bit-trakk minn Vincent St. James Boyde, *Sales Manager,* il-gurnata kienet il-gimgha illi bhala gurnata tkun gurnata *busy* hafna. Meta Vincent St. James Boyde kellem lill-appellant u staqsieh biex

johrog bil-vann peress li hu kien *deliveryman* qabel u jaf it-toroq, l-appellant qallu, *“jien mhux ser naghmel dan ix-xoghol, jien ghandi 55 sena u dak ix-xoghol hu ta’ tqandil ghalija”* St. James Boyde qal li qallu dak il-hin, *“jien ghandu 53 sena, ahna qed nghinu lil xulxin, ghandna bzonn kif suppost”.*

L-appellant mar ikellem lill-*Managing Director* is-Sur Mizzi fejn qallu, “*jien minix sejjer”* is-Sur Mizzi qallu, ”*hemm bzonn li int tmur ghax inti taf ir-rotta u din hija l-policy tal-kumpanija bhal kull supervisor iehor”* is-Sur Mizzi talbu kemm il-darba u qallu, “*ahsiba ara daqxejn”* xorta wahda l-appellant baqa ma riedx imur.
Is-Sur Mizzi jghid illi ma kellux alternattiva ohra hlief li jghidlu biex jieqaf minn dak il-hin mix-xoghol.

Is-Sur Andrew Agius Muscat, *General Manager,* fix-xhieda tieghu qal illi l-appellant kellu diversi *written warnings* u anke *verbal warnings.* Tant sostna is-Sur Agius Muscat illi setghu keccewh hafna qabel ghax kellu diversi zbalji bhal qari tat-temperaturi meta jkun diehel u hiereg il-laham. Jghatuh struzzjonijiet u ma josservahomx dejjem igib xi skuza. Spiega wkoll kif tahdem is-socjeta, qal illi n-negozju taghhom huwa kompetittiv u iridu jahdmu b’mod dinamiku u progressiv. Il-politika tas-socjeta qal illi hi li kulhadd jahdem bhala *team* bil-hsieb li s-socjeta tkompli tikber u tespandi.

Mistoqsi mit-Tribunal jekk jezistix bil-miktub proceduri u sistemi dwar l-andament tax-xoghol u wkoll jekk jezistux proceduri bhal ta’ “*Personnel Management”* irrisponda illi huma ghandhom politika ta’ *understanding* ma’ l-impjegati billi jgharfuhom kontinwament bl-izviluppi mportanti u anke jzommu *seminars*.

Kien in-nuqqas ta’ l-appellant illi irrifjuta li johrog bit-trakk f’mument l-aktar importanti biex il-klijenti tas-socjeta jircievu l-ordnijiet taghhom fil-hin meta partikolarment habat illi kienet il-gimgha, l-aktar gurnata importanti fix-xoghol tas-socjeta.

It-Tribunal Industrijali jara illi l-appellant li kien wiehed mill-antiki naqas milli jaghmel dak illi kien mitlub mis-socjeta f'hin ta' importanza meta wiehed mid-*deliverymen* ma attendiex ghax-xoghol u l-anqas ta' avviz ghan-nuqqas tieghu. L-argument illi gab l-appellant dak il-hin li kien mitlub johrog bit-trakk illi kellu daru jugghu u ma kienx jiflah iqandel, seta facilment ha dawk il-passi necessarji sabiex jevita kull problema li tinqala kif fil-fatt gara. Ma hux kunsidrat bhala fatt sufficcjenti meta qal illi kien applika ghal-karigi ohra biex jevita li jerfa u jqandel.

Jinnota illi s-socjeta li tahdem b'certu dinamizmu b'tmexxija progressiva naqset meta l-haddiema ma hargitilhomx dawk il-proceduri bazici u mportanti ta' *"Personnel Management"* biex kull haddiem jigi moghti bil-miktub dokument fejn ikun hemm spiegat il-kondizzjonijiet tax-xoghol li huma, hinijiet tax-xoghol, hlas ta' *overtime, leave. sick leave*, pagi, *allowances* u diversi kundizzjonijiet ohra bhala regoli ghad-dixxiplina u ohrajn.

Il-principal irid jifhem illi fejn il-haddiema tieghu ma jkunx organizzati f'union, ir-responsabilita tieghu bhala principal hija akbar.

F'dan il-kaz deher car dan in-nuqqas meta s-socjeta sostniet illi l-politika taghha hi illi kulhadd jahdem bhala *team* u kollox jimxi b'sistema ta' "*understanding"* waqt li l-appellant illi kien ibati b'daru jghid illi propju ghalhekk li kien applika biex jiehu ll-grad li kien fieh biex jevita li jqandel.

It-tkeccija mill-impieg hija l-ghola pass tad-dixxiplina fil-hajja tax-xoghol. Kif diversament jnghad mit-Tribunal illi l-pass ta' tkeccija mill-impieg ghandu jittiehed wara li jkunu gew ikkonsiderati l-passi kollha mehtiega.

Ma hux daqstant facli li jinghad illi la l-haddiem ha tliet *warnings* awtomatikament ghandu jitkecca mill-impieg. Hu mehtieg illi jittiehdu passi ohra li huma, Bord tad-Dixxiplina u wara jkun hemm id-dritt ta' appell mid-decizjoni tal-Bord tad-

Dixxiplina. It-tkeccija ta' l-appellant mill-impieg kienet mghaggla u ma hix kkunsiderata bhala wahda gusta.

**Decizjoni**

I-Tribunal Industrijali ra' l-istqarrija tal-kaz tal-partijiet, ra u evalwa x-xhieda prodotta, ra t-trattazzjoni finali tal-partijiet, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jsib illi t-tkeccija ta' l-appellant mill-impieg ma kienetx wahda gusta u sufficjenti.

Ghaldaqstant wara li ra l-konsiderazzjonijiet kollha tal-kaz, jiddeciedi illi fic-cirkustanzi minhabba li l-appellant sab impieg iehor ghandu jinghata kumpens mis-socjeta ntimata fis-somma ta' elf u hames mitt liri Maltin (Lm1,500) liema somma trid tithallas mhux inqas minn hames gimghat mid-data tad-decizjoni.

Ghall-fini ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fis-somma ta' Lm40 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

____________________

**Alphonse Caruana**
**Chairman**